# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 1**

**Rikors Numru 165/08 JZM**

**AX Construction Limited (C-17438)**

**v.**

**Agius Marble Works Limited (C-12292)**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli maghmula mis-socjeta` attrici minn zewg sentenzi [is-sentenzi appellati] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili; l-ewwel wahda hija sentenza parzjali moghtija fid-29 ta' Ottubru 2009, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-procedura addottata mill-attrici ma kinietx wahda idoneja ghax in kwantu l-ewwel talba kienet tirrigwarda allegazzjoni ta' qerq prattikat mis-socjeta` konvenuta fil-konfront taghha fil-kawza numru

1886/01 fl-ismijiet inversi, “l-unika via” li kellha l-attrici, wara li dik il-kawza kienet diga` giet deciza minn din il-Qorti, kienet li tipprocedi ghar-ritrattazzjoni u mhux li taghmel kawza sabiex tottjeni dikjarazzjoni tal-qerq preordinata ghal kawza ta’ ritrattazzjoni sussegwenti bazata fuq l-Artikolu 811 [a] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; it-tieni sentenza hija dik moghtija fit-28 ta’ Frar 2011 li permezz taghha dik l-istess Qorti cahdet it-tieni talba li kienet diretta biex tigi ottenuta dikjarazzjoni li l-provi fil-kawza 1886/01 kienu foloz u dan bhala pressupost ghal kawza sussegwenti ta’ ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811 [j] tal-kodici fuq citat; l-ispejjez gew kollha akkollati lis-socjeta` attrici.

**Mertu**

2 Fis-sena 2001, is-socjeta` konvenuta intavolat kawza (1886/2001GCD) kontra s-socjeta` attrici sabiex tithallas ghal xoghlijiet li hi kienet ghamlet b’inkarigu tal-istess socjeta` attrici. Dik il-kawza kienet giet deciza fit-8 ta’ Marzu 2005 b’kundanna kontra s-socjeta` attrici biex thallas is-somma ta’ €20,405, liema decizjoni giet konfermata mill-Qorti tal-Appell b’sentenza tal-31 ta’ Ottubru 2007.

3. Permezz tal-azzjoni odjerna, is-socjeta` attrici qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara frawdolenti u foloz, provi li kienu mertu tad-decizjoni tal-

Qorti tal-Appell, sabiex imbaghad hija tkun tista' tipprocedi b'kawza ghal ritrattazzjoni abbazi tal-Artikoli 811(a) u (j) tal-kodici fuq indikat.

4. Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-qerq u l-prova falza tikkonsisti fil-fatt illi, filwaqt li quddiem il-Qorti tal-Appell kien gie dikjarat illi l-Perit Yoemans ma kienx impjegat jew konsulent tas-socjeta` konvenuta [allura attrici], fi proceduri ohra pendenti bejn il-partijiet 1887/01, waqt seduta quddiem il-Perit Tekniku fis-16 ta' Novembru 2007, il-Perit Yoemans xehed illi Agius Group[1] huma klijenti ewlenin tieghu u jiddedikalhom il-maggor parti tal-hin professjonali tieghu. Skont is-socjeta` attrici id-dikjarazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fil-kawza in kwistjoni kienu vizzjati min-nuqqas ta' verita` jew nofs verita`. Hija tikkontendi dan b'mod partikolari in vista tal-piz li l-Qorti tat lill-knostatazzjonijiet maghmula mill-Perit Yoemans fid-decizjoni taghha.

**<u>Is-Sentenza Appellata [29 Ottubru 2009]</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tad-29 ta' Ottubru 2009, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fl-ewwel eccezzjoni preliminari, is-socjeta' konvenuta fis-sostanza qed tghid li s-socjeta' attrici ma setghetx tintavola din il-kawza ghaliex l-unika procedura li seta' kellha sabiex timpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet biss ir-ritrattazzjoni tal-kawza fil-Qorti tal-Appell skond kif provdut fl-Art. 811 et seq tal-Kap. 12.

[1]Li socjeta` konvenuta tifforma parti minnu.

"Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrci tghid li din taghha hija biss kawza dikjaratorja sabiex din il-Qorti (mhux il-Qorti tal-Appell) tghid li fl-ewwel lok il-provi li tressqu fil-kawza fl-ismijiet "*Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited*" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007 kienu frawdolenti, u fit-tieni lok li dawk l-istess provi kienu foloz.

"**Ikkunsidrat –**

"Dik tas-socjeta' attrici mhix kawza ta' ritrattazzjoni. Pero' hija kawza mirata sabiex din il-Qorti tiddikjara frawdolenti jew foloz (jew it-tnejn) provi li kienu l-mertu tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell sabiex jekk ikun hekk deciz is-socjeta' tmexxi bir-ritrattazzjoni vera u propja.

"Ghalhekk sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar il-fondatezza guridika *o meno* tal-istanza attrici f'din il-kawza trid bilfors tqis dawk id-disposizzjonijiet tal-istitut tar-ritrattazzjoni li s-socjeta' attrici qed tinvoka in sostenn tal-istanza taghha.

"Skond is-socjeta' attrici fil-kaz in ezami hemm lok ghal ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell abbazi tal-**Art. 811(a) u (j) tal-Kap. 12**.

"Il-paragrafu (a) ighid hekk –

> *"jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra.*

waqt li l-paragrafu (j) ighid hekk –

> *"jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk dikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kenitx taf b'dan il-fatt.*

"Marbuta ma' dawn id-disposizzjonijiet hemm l-**Art. 818** li ighid li parti ghandha zmien tliet xhur biex timpunja s-sentenza *de qua* b'dan illi b'riferenza ghall-kaz odjern –

"Relattivament ghall-paragrafu (a) it-tliet xhur jibdew ighoddu *mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq.*

"Waqt li relattivament ghall-paragrafu (j) it-tliet xhur jibdew ighoddu, *jekk il-falsita' tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni.*

"**Ikkunsidrat –**

"Partikolarment ghall-istanza attrici, din il-Qorti tghid li l-ligi tittratta z-zewg paragrafi citati distintament u diversament.

"Fil-kaz tal-paragrafu (a), il-ligi mhix tesigi bhala pregudizzjali li sabiex tibda tiskatta l-procedura tar-ritrattazzjoni, huwa mehtieg li Qorti tiddikjara li kien hemm qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra. Infatti fl-Art. 818(a), il-ligi tistabilixxi li z-zmien ta' tliet xhur ghar-ritrattazzjoni jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq. Issa huwa manifest anke mir-rikors mahluf li s-socjeta' attrici qed tghid li *kixfet* l-*allegat* qerq qabel kienet deciza l-kawza fl-ismijiet "*Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited*" mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007. U allura huwa evidenti ghal din il-Qorti li z-zmien tat-tliet xhur ghall-istanza tar-ritrattazzjoni kien diga` skada fid-data tal-prezentata tar-rikors mahluf odjern.

"Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici u cioe' kif dik it-talba tirrelata ma' l-Art. 811(a) tal-Kap. 12.

"Fil-kaz tal-paragrafu (j), l-istat tad-dritt huwa divers ghax id-dikjarazzjoni minn Qorti dwar il-falsita' ta' provi hija necessarja mhux biss ghax hekk jesigi l-istess paragrafu (j) izda ghax mill-gurnata li ssir dik id-dikjarazzjoni (skond il-kaz) jibda jiskatta t-terminu ta' tliet xhur ghall-istanza ta' impunjazzjoni. Dan isib sostenn fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna pero' *b'riserva*.

"Din il-Qorti tghid *b'riserva* wara li qieset dak li kien deciz mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju 2005 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et**".

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici ccitat *in extenso* mis-sentenza f'dik il-kawza kif kienet pronunzjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 2003 (mhux fil-15 ta' Ottubru 2000 kif erroneament indikat fin-nota attrici) izda d-direzzjoni ghal pronunzjamenti futuri giet traccjata fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell f'dik l-istess kawza meta l-Qorti qalet hekk –

> "L-unika talba maghmula fic-citazzjoni hija wahda dikjaratorja: l-attur talab dikjarazzjoni li x-xiehda moghtija minn Raymond Azzopardi fil-proceduri precedenti fl-ismijiet inversi hija falza u inveritiera. Fic-citazzjoni tieghu, l-appellant jistqarr ukoll illi l-kawza odjerna hija preordinata ghall-gudizzju ta' ritrattazzjoni, *stante* li jekk jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li x-xhieda ta' Raymond Azzopardi fil-proceduri fl-ismijiet inversi hija falza, din iddikjarazzjoni tkun tikkostitwixxi motiv ghall-possibli ritrattazzjoni tal-kawza, u dan fit-termini ta' l-Artikolu 811(j) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, li jippreskrivi illi tista' tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza:
>
>> *"Jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kenitx taf b'dan il-fatt."*

"Kif il-Qorti ta' l-Appell irriteniet fis-sentenza ***Darmenia vs. L-Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier***, deciza fit-18 ta' Frar 1966: *"(F)is-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun preordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avvolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali mhux ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma nghatax."* Dan il-principju gie diversi drabi ribadit mill-Qrati Maltin.

"Konsegwentement, id-dikjarazzjoni li talab l-attur appellant fic-citazzjoni tieghu tista' tigi kkunsidrata biss jekk il-Qorti tkun perswaza li jekk jottjeni din id-dikjarazzjoni, tali dikjarazzjoni tkun tista' tifforma l-bazi ghal proceduri ohra, cioe` ghal proceduri ta' ritrattazzjoni. (sottolinear ta' din il-Qorti)

"Kif inhuwa risaput biex wiehed jigi ammess li jistitwixxi azzjoni, preordinata ghal ohra jew le, ghandu jkollu interess guridiku u l-interess jiddelinea l-limiti ta' l-azzjoni. Jekk attwalment jigi stabbilit li dak l-interess ma jezistix ghaliex -- nonostante li l-fatti allegati fic-citazzjoni jistghu, ghall-grazzja ta' l-argument, jirrizultaw ezatti -- il-bieb tar-ritrattazzjoni jinsab maghluq, ghal xi raguni jew ohra, allura jkun hemm ostaklu ghall-prosegwiment tal-kawza.

"Ghalhekk, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti imxiet sewwa meta l-ewwel u qabel kollox ezaminat jekk fil-kaz odjern kenitx tissussisti raguni valida ghal ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv ta' provi foloz. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti agixxiet *ultra petita*, u konsegwentement dana l-aggravju qed jigi respint."

## Is-Sentenza Appellata [28 Frar 2011]

6. L-istess Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-28 ta' Frar 2011, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Bis-sentenza tal-lum, din il-Qorti trid tiddeciedi t-tieni talba attrici. Hemm l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni u decizjoni li kienu foloz il-provi li tressqu fil-kawza Cit 1866/01 fl-ismijiet "Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007. Saret talba hekk sabiex fil-kaz ta' esitu favorevoli ghall-kumpannija attrici, din imbaghad tittenta azzjoni ghal ritrattazzjoni tas-sentenza fuq indikata fit-termini tas-subinciz (j) ta' l-Art.811 tal-Kap 12 li jaqra hekk –

> "jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu ddikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt."

"Azzjoni eventwali bhal dik hija kondizzjonata mill-Art.818(c) tal-Kap.12 li jaqra hekk :

> "fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (j), (tal-Art.811) jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, (iz-zmien ta' tliet xhur sabiex tigi tentata l-azzjoni ghal ritrattazzjoni jibda jghodd) mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew jekk tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni."

"Fis-sentenza li tat din il-Qorti fl-10 ta' Gunju 1949 fil-kawza "**Mifsud vs Azzopardi**" inghad li l-"falz" huwa kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru ottenut bi kwalsijasi mezz.

"Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Gunju 1950 fil-kawza "Caruana vs Gerada" inghad hekk –

> "Provi foloz, ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li ma hux veru, bhal fil-kaz ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta' fatt jew ta' gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit"

(ara wkoll - Qorti tal-Appell - 27 ta' Frar 1998 - "**Farrugia vs Borg**").

"Il-falz ghandu effetti civili u penali. Guridikament il-falz jista' jkun materjali jew intelletwali jew ideali. Il-falz materjali huwa rapprezentat mit- thassir, alterazzjoni jew mutazzjoni fil-forma jew fis-sustanza ta' dokument veru (inkluz skrittura privata jew att pubbliku) veru, jew ta' parti minnu, jew addirittura l-kompozizzjoni shiha ta' dokument li huwa falz. Il-falz intellettwali huwa l-espozizzjoni ta' fattijiet jew dikjarazzjonijiet li ma jezistux jew ma jissussistux jew li jaghmlux mis-sewwa.

"Dwar l-effett civili u penali tal-falz, jinghad hekk fid-dottrina –

> "La giustizia punitiva non puo` mettersi in moto se non vi e' un delinquente responsabile; quindi la necessita' di assodare bene l'elemento intenzionale costituente appunto il dolo dell'agente. La procedura civile invece non va in traccia del reo ; essa si preoccupa soltanto di respingere un mezzo che nuoce alla scoperta del vero, e che puo' indurre il giudice a ritenere, in tutta buona fede, la falsita' in luogo della verita` ; questa percio' cammina diretta al suo scopo, senza curarsi d' indagare la volonta' di colui che diede vita al falso".

(**Ricci** - Procedura Civile – Vol. II pag. 244 -246 ; ara wkoll **Annali Cassazione Torino**, 31 Maggio 1877, Vol. XII, P.I, pag.437)

"Bl-azzjoni taghha tal-lum, il-kumpannija attrici qeghda tallega li l-prova falza li ghandha sservi bhala bazi ghal ritrattazzjoni tal-kawza "Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited" (Cit. Nru. 1886/2001) li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007 hija x-xhieda tal-Perit Keith Yoemans li, tghid il-kumpannija attrici, kienet determinanti ghall-mod kif kienet deciza l-kawza kemm fl-Ewwel Istanza kif ukoll fit-Tieni Istanza.

"Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2007, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

"Din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi x-xhieda ta' Yoemans kienet l-aktar wahda attendibbli u dana billi, kif ighid l-istess Yoemans 'That as site manager I liased with the clients, Port Cottonera Limited and also with various contractors working on the project. That I am in a position to state whether the works for which Agius Marble Works are claiming payment were in fact carried out by Agius Marble Works or otherwise'. **Din il-Qorti tifhem li din il-persuna kienet l-iktar wahda idonea fic-cirkostanzi billi, fl-interess tas-socjeta' appaltanti cioe' Port Cottonera Limited, kellha d-dmir li tivverifika li x-xogholijiet saru u li saru sew.....** (emfazi ta' din il-Qorti).

"Fl-istanza taghha tal-lum, il-kumpannija attrici qeghda tallega li l-prova kostitwita mid-deposizzjoni tal-Perit Keith Yoemans ghandha titqies falza mhux biss ghaliex ma svelax li kellu relazzjoni professjonali partikolari mas-socjeta' konvenuta jew assocjati taghha izda li addirittura pprezenta stampa differenti ghal kollox ta' din ir-relazzjoni. Din il-Qorti tghid li l-Qorti tal-Appell ittrattat il-kwistjoni li fuqha qeghda tibbaza ruhha l-kumpannija attrici sabiex tghid li kien hemm falsita`. Infatti l-Qorti tal-Appell irriteniet li l-fatt li l-Perit Yoemans seta' kellu relazzjonijiet ta' xoghol ma' socjeta' assocjata mas-socjeta' konvenuta odjerna (socjeta` attrici fil-kawza l-ohra) ma ghandux jirrifletti hazin fuq il-gudizzju tieghu fil-kaz in ezami. Inoltre il-Qorti ta' l-Appell osservat li s-socjeta' konvenuta la ressqet lill-Perit Keith Yeomans ghall-kontroezami la kkontestat il-konkluzjonijiet tieghu u lanqas gabet il-prova ta' bias kif allegat il-kumpannija attrici odjerna (is-socjeta` konvenuta fil-kawza l-ohra).

"Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza l-ohra, li jinsabu allegati u li jikkostitwixxu l-unika prova ghall-fini tal-kawza tal-lum, ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddiskosta ruhha mir-ratio decidendi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell specjalment mill-mod kif sar l-apprezzament tal-provi u kif kienet trattata l-attendibilita` tax-xhieda. Din il-Qorti tghid ukoll li d-deposizzjoni tal-Perit Yoemans kienet ben korraborata, mhix sospetta u lanqas miftuha ghal dubbju serju. Dak allegat mill-kumpannija attrici ma jistax iwassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment li saret prova li tissoddisfa l-vot tal-ligi.

"Sabiex prova titqies falza ghall-fini tal-Art.811(j) tal-Kap.12, trid tkun

> prova li dolozament tipprezenta bhala veru dak li mhuwiex veru kif jigri jigri fil-kaz tal-falsa testimonianza. Zbalji ta' fatt jew ta' gudizzju li jista' jaghmel xhud, u li jkunu privi mill-element tad-dolo, ma jikkwalifikawx bhala falsitajiet ghall-fini tal-istess subinciz. Il-prova falza trid tkun frott ta' l-ingann tal-kontroparti, u mhux frott ta' l-injoranza jew tat-traskuragni tal-parti li tressaq il-provi. (**Grazio Mercieca -** Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi). Lill-kumpannija attrici kien jispetta l-oneru tal-prova tal-falsita`. Ma tressqux provi ohra ghajr dak li hemm fl-atti allegati. U din il-Qorti tghid li dak li hemm f`dawk l-atti huwa bizzejjed sabiex jeskludi l-falsita` fit-termini tal-Art.811(j) tal-Kap.12."

**L-Appell**

7. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata mis-sentenzi appellati u interponiet dawn l-appelli permezz ta' rikors datat 18 ta' Marzu 2011. L-aggravji taghha huma fis-sens li "[a] l-ewwel Qorti interpretat hazin il-principju applikabbli ghall-Artikolu 811(a) u, [b] l-ewwel Qorti interpretat u vvalutat inkorrettament il-kuntest u l-piz probatorju tax-xhieda tal-Perit Yoemans". Mir-rikors tal-appell jidher li l-ewwel aggravju jirreferi ghas-sentenza parzjali filwaqt li t-tieni aggravju jirreferi ghas-sentenza finali.

8. L-Aggravji tas-socjeta` attrici jistghu jigu sintetizzati hekk:

*L-Ewwel Aggravju*

> "…… il-qerq irid jittiehed fil-kuntest, fis-sens illi l-qerq gie skopert zmien wara meta kien qed jixhed il-Perit Yoemans quddiem il-Perit Tekniku, u allura [japplika] il-principju illi l-procedura kienet vizjata b'qerq fis-sens illi parti wahda, kienet taf b'fatti u cirkostanzi illi fil-fatt ma kenux veri, jew almenu, forsi aktar gravi, li naqset li tizvelahom. Il-punt kollu a skans ta' ripetizzjoni huwa illi fil-proceduri fil-mertu quddiem il-Prim' Awla u l-Qorti tal-Appell inghata piz determinanti lix-xhieda tal-Perit Yoemans, u dan

> kien aktarx fattur rizolutiv tal-vertenza: wiehed iqis illi kien hemm dikjarazzjoni maghmula illi l-hlas isir a saldu u allura huwa determinanti. L-estensjoni tal-frodi hija l-mod kif parti intenzjonatament naqset milli tizvela certi fatti, meta kienet taf bihom[2]. Il-frodi prattikat kien illi kien hemm obbligu f'isem it-*tanta lodata bona fides* illi certi fatti jigu zvelati u mhux jittiehed bhala xhud kredibbli persuna. L-ewwel Qorti kienet qalet illi l-Perit Yoemans kien persuna kredibbli, dak iz-zmien impjegat mal-Perit tal-Progett, Dr Mintoff u kienet certament titfa' piz fuq il-kredibilita' tieghu li kieku dan gie zvelat"

*It-tieni aggravju*

9. Dan hu bbazat fuq il-fatti li gew dikjarati u li rrizultaw vizzjati minn nuqqas ta' verita` jew nofs verita`. Quddiem il-Qorti tal-Appell Rosario Agius kien qal li l-Perit Yoemans ma kellu ebda relazzjoni ma' Agius Marble Works, meta wara, l-Perit Yoemans stess ikkonferma illi fiz-zmien li kien ta x-xhieda tieghu fil-kawza originali, Agius Marble Works kienu klijenti principali tieghu u kien iqatta' l-maggjor parti tal-hin tieghu fuq xoghol ta' din is-socjeta`.

10. Tkompli tghid li, il-fatt jibqa' li Rosario Agius [Direttur fis-socjeta` konvenuta] kien iddikjara quddiem din il-Qorti[3] [fit-2 ta' Ottubru 2007] li l-imsemmi perit ma kellu ebda relazzjoni mas-socjeta` konvenuta. Jghid li f'dan il-kaz "hemm wisq provi li jitfghu dell fuq certi dikjarazzjonijiet" u l-Qorti ma tistax tinjorahom ghaliex jivvizzjaw il-veracita` tal-process kollu.

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti
[3] Diversament komposta

11. Ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti sabiex thassar is-sentenzi parzjali taghha tad-29 ta' Ottubru 2009 u dik finali tat-28 ta' Frar 2011, u, minflok, tilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

12. Fir-Risposta taghha, ipprezentata fil-25 ta' April 2011, is-socjeta` konvenuta issottomettiet qabel xejn illi l-appell tas-socjeta` attrici huwa frivolu u vessatorju u in sintesi, wiegbet hekk ghall-aggravji:

13. [1] Illi ma huwiex car x'inhu l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti ghaliex, filwaqt illi tghid illi l-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel Qorti interpretat malament il-principju applikabbli ghall-Artikolu 811(a), fil-paragrafu sussegwenti tghaddi biex tghid li l-aggravju huwa dwar il-mertu. Dwar li l-ewwel Qorti interpretat malament il-principju applikabbli ghall-Artikolu 811(a) tghid li dan ma huwiex rilevanti ghall-kawza in kwistjoni ghaliex din mhijiex kawza ghal ritrattazzjoni izda kawza dikjaratorja. Dwar il-mertu tghid illi dan huwa trattat ukoll taht it-tieni aggravju.

14. [2] Illi s-sustanza tal-ewwel u tat-tieni aggravji tas-socjeta` attrici ma humiex ibbazati fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti izda huma relatati mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi deciza fil-31 ta'

Ottubru 2007. Tghid li s-socjeta` attrici donnha qed tipprova tirribatti tali decizjoni ghaliex il-Qorti tal-Appell f'dik id-decizjoni kienet diga` qieset l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tal-Perit Yoemans u kienet ga ppronunzjat ruhha dwar l-istess. Dan gie kkonfermat mill-ewwel Qorti fil-proceduri odjerni. Tghid illi l-socjeta` konvenuta stess, tramite l-avukat taghha, kienet iddikjarat quddiem il-Qorti tal-Appell fil-proceduri 1886/01, illi fiz-zmien li l-Perit Yoemans kien xehed, huwa kien ghadu kif beda relazzjoni professjonali ma' Agius Stoneworks Ltd[4], u dan il-fatt gie ikkonsidrat mill-istess Qorti tal-Appell.

15. Tghid li dan il-fatt gie kkonfermat minn Rosario Agius, direttur tas-socjeta` konvenuta, meta fi proceduri ohra 1887/01GCD[5], qal li wara x-xoghol in kwistjoni kienu qabbdu lill-Perit Yoemans jiehu hsieb xoghlijiet ohra. Ghalhekk, f'dan il-kuntest tghid li l-Perit Yoemans, fix-xhieda tieghu li ta fl-24 ta' Frar 2002, kien tkellem fuq ir-relazzjoni professjonali tieghu mas-socjeta` konvenuta kif kienet f'dak iz-zmien, b'dan illi x-xhieda tieghu moghtija fis-16 ta' Novembru 2007 ma tistax titqies li tirrendi falza jew inveritiera x-xhieda precedenti tieghu.

16. Tghid li minn dan kollu jirrizulta illi l-appell u l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma frivoli u vessatorji u intizi sabiex ittawwal il-proceduri u tipprova tahrab mill-effetti tas-sentenza in kwistjoni, u ghalhekk

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[5] Fl-ismijiet Agius Stone Works Ltd. vs AX Construction Ltd.

tissottometti illi din il-Qorti ghandha timponi d-doppie spese.

17. Ghalhekk tghid li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata fl-intier taghha; bl-ispejjez doppji kontra s-socjeta` appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Dawn iz-zewg aggravji ser jigu trattati flimkien stante li, minkejja li l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba fuq punt procedurali marbut mat-terminu tat-tlett xhur kontemplat fl-Artikolu 818 tal-Kap.12, is-socjeta` attrici iffokat biss fuq il-mertu tal-kaz, jigifieri fuq l-pretensjoni taghha li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell pronunzjata fil-kawza 1886/01 hija vizzjata minhabba qerq da parti tas-socjeta` konvenuta meta din ma zvelatx certu cirkostanzi rigwardanti ir-relazzjonijiet professjonali tal-Perit Yoemans u li ghalhekk ukoll s-sentenza kienet rizultat ta' provi foloz imressqa mis-socjeta` konvenuta.

19. Fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta` attrici tilmenta illi l-ewwel Qorti interpretat malament il-principju applikabbli taht l-Artikolu 811(a). Tghid, fost affarijiet ohra, illi l-qerq irid jittiehed fil-kuntest tal-fattispecje tal-kaz u li l-frodi hija l-mod kif parti intenzjonalment tonqos milli tizvela certi fatti li kienet taf bihom.

20. L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta f'dak li jirrigwardja l-ewwel talba tas-socjeta` attrici u dan fuq il-konsiderazzjoni li, fil-kaz kontemplat fil-paragrafu [a] tal-Artikolu 811 b'differenza minn dak li jghid il-paragrafu [j], il-ligi ma tirrikjedix dikjarazzjoni gudizzjara tal-qerq preordinata ghar-ritrattazzjoni, izda tezigi biss li skont l-Artikolu 818(a) l-azzjoni trid tingieb fi zmien tliet xhur minn mindu jigi skopert il-qerq. Ghalhekk il-procedura odjerna ma hijiex il-procedura idoneja li kellha tirrikorri ghaliha s-socjeta` attrici.

21. Skont l-ewwel Qorti, fir-rikors mahluf taghha stess, is-socjeta` attrici tghid li kixfet l-allegat qerq qabel ma kienet deciza l-kawza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2007, b'dan illi z-zmien tat-tliet xhur ghall-istanza tar-ritrattazzjoni kien diga` skada fid-data tal-prezentata tar-rikors mahluf odjern. Din il-Qorti, filwaqt li tosserva illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi l-perjodu tat-tliet xhur ghall-istanza tar-ritrattazzjoni kien diga` skada fid-data tal-prezentata tar-rikors[6] kienet pero` korretta fil-konkluzjoni taghha, in kwantu skont l-Artikolu 818 [a] tal-Kap. 12, f'kaz li parti tkun konvinta illi s-sentenza ttiehdet b'qerq a skapitu tal-parti l-ohra, allura hija ghandha, fi zmien tliet xhur "mill-

[6]Fir-rikors mahluf taghha s-socjeta` attrici tissottometti illi saret taf bl-allegat qerq waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2007 fil-kawza 1887/01GCD. L-odjerni proceduri nbdew fil-15 ta' Frar 2008 u ghalhekk inqas minn tliet xhur mid-data indikata bhala dik li fiha s-socjeta` attrici skopriet il-qerq.

gurnata li fiha jinkixef il-qerq"[7] topprocedi b'kawza ghal ritrattazzjoni. Fi-kaz odjern, anke jekk *dato non concesso*, jinghad li kien jikkonfigura l-qerq allegat mis-socjeta` attrici, din naqset milli tipprocedi skont id-dettami tal-artikolu imsemmi u halliet il-perjodu ta' tlett xhur, li huwa perentorju, jiskadi minghajr ma pprocediet skont il-ligi.

22. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat li, ladarba z-zmien sabiex issir kawza ta' ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811[a] kien thalla jiskadi inutilment mill-attrici bir-rizultat li din sfat nieqsa mill-interess guridiku biex tippromwovi l-kawza odjerna, il-proceduri odjerni, in kwantu intizi ghall-promozzjoni ta 'kawza ta' ritrattazzjoni bazata fuq l-imsemmi artikolu, hija legalment insostenibbli u ilha hekk insostenibbli mill-iskadenza tal-perjodu ta' tlett xhur mid-data tas-16 ta' Novembru 2007.

23. Il-premess qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni jekk is-sentenza moghtija fil-kawza 1886/01 kienitx vizzjata jew le bil-qerq liema kwistjoni ser tigi trattata mal-mertu tat-tieni aggravju.

24. Fit-tieni aggravju s-socjeta` attrici tilmenta mill-allegata 'nuqqas ta' verita` jew 'mezza verita` da parti tas-socjeta` konvenuta meta din ma zvelatx ir-relazzjoni professjonali illi hija kellha mal-Perit Yoemans. L-

[7]Artikolu 818(1)(a).

aggravju ghalhekk jippernja fuq il-fatt jekk dawn l-allegazzjonijiet jammontawx ghal provi foloz li jirrendu s-sentenza attakkata soggetta ghal procedura ta' ritrattazzjoni.

25. In tema legali, dwar il-fattur ta' 'provi foloz' kontemplat fil-paragrafu [j] tal-Artikolu 818, issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 12 ta' Jannar 2011, fl-ismijiet **Capua Palace Limited et v. Il-Korporazzjoni Enemalta**, fejn dik il-Qorti esprimiet ruhha bil-mod segwenti dwar il-materja in dizamina:

> "Huwa principju accettat mill-Qrati taghna illi "provi foloz, ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li ma hux veru, bhal fil-kaz ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta' fatt jew ta' gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit" [enfasi ta' din il-Qorti] (Qorti tal-Appell [Sede Civili – *"Caruana vs Gerada et"* - 26 ta' Gunju 1950 – ara wkoll : Qorti tal-Appell - *"Farrugia vs Borg noe"* - 27 ta' Frar 1998)."

26. Anke fl-isfond tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi dak mistqarr u propost mis-socjeta` konvenuta fil-proceduri 1886/01GCD ma jistax jitqies bhala prova falza jew falza testimonjanza u, wisq anqas bhala qerq, u ghalhekk ma jistax jitqies bhala presuppost ghal proceduri ta' ritrattazzjoni.

27. Il-kronologija tal-fatti li ipprecedew il-kawza odjerna tibda bl-affidavit tal-Perit Yoemans ipprezentat fis-16 ta' Novembru 2002 fil-kawza in kwistjoni, u li fih, skont is-socjeta` attrici, dan heba l-verita`

dwar ir-relazzjoni professjonali illi huwa allegatament kellu mas-socjeta` konvenuta. Quddiem il-Qorti tal-Appell waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007, giet sollevata u trattata r-relazzjoni li l-Perit Yoemans kellu mad-ditta Agius Marble Works fil-mument tax-xhieda tieghu u l-avukat tas-socjeta` konvenuta wiegeb li l-Perit Yoemans qatt ma kien konsulent jew impjegat tas-socjeta` konvenuta, izda jista' jkun li dak iz-zmien, kien ghadu kif beda relazzjoni professjonali ma' Agius Stone Works Ltd, li hija socjeta` bl-istess azzjonisti tas-socjeta` konvenuta fil-proceduri odjerni. Dan gie accettat bhala stat ta' fatt mis-socjeta` attrici li ma komplietx tinsistix li jinstema' l-Perit Yoemans.

28. Il-fatti hekk kif dikjarati quddiem il-Qorti tal-Appell gew konfermati wkoll minn Rosario Agius, meta fil-kaz 1887/01 bejn Agius Stone Works Ltd u s-socjeta` attrici, xehed[8] illi <u>wara li sar dak ix-xoghol partikolari</u>, kienu qabbdu lill-Perit Yoemans sabiex jiehu hsieb xi xoghlijiet ohra.

29. Sussegwentement fil-mori ta' dawk il-proceduri (1887/01), il-Perit Yoemans waqt seduta quddiem il-Perit Tekniku fis-16 ta' Novembru 2007, xehed illi Agius Group huma klijenti ewlenin tieghu, u li lilhom jiddedika parti jew maggor parti tal-hin professjonali tieghu. Kien in segwitu ghal din it-testimonjanza illi skattaw da parti tas-socjeta` attrici l-odjerni proceduri, b'dan illi din qed tikkontendi li s-socjeta` konvenuta

[8]Fol. 25.

hbiet tali relazzjoni professjonali b'detriment taghha bhala kontro-parti f'dik il-kawza, in kwantu l-Qorti f'dik il-kawza (1886/01) kienet strahet fuq il-konstatazzjonijiet maghmula mill-istess Perit Yoemans.

30. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk relatati mal-proceduri 1886/01GCD hawn allegati, tirrileva illi anke fil-mertu, it-tieni aggravju tas-socjeta` attrici ma ghandu ebda fondament u dan minhabba s-segwenti fatturi:

31. [1] Fl-ewwel lok, il-konnessjoni tal-Perit Yoemans mas-socjeta` konvenuta, kienet gia` giet stabbilita u assodata quddiem il-Qorti tal-Appell. Id-difensur tas-socjeta` konvenuta stess stqarr waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007 (1886/01), illi ghalkemm il-Perit Yoemans qatt ma kien konsulent jew impjegat maghha, jista' jkun li dak iz-zmien [iz-zmien li fih twettqu x-xoghlijiet in kwistjoni], kienet ghadha kif bdiet relazzjoni professjonali tal-Perit Yoemans ma' Agius Group.

32. [2] Inoltre, jirrizulta wkoll illi l-konnessjoni tal-imsemmi perit mas-socjeta` konvenuta kienet maghrufa mill-Qorti tal-Appell tant li dik il-Qorti ghamlet l-osservazzjoni taghha fuq il-pregudizzjali sollevata fir-rigward mis-socjeta` attrici [allura konvenuta] f'dawk il-proceduri. Fil-fatt fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2007 il-Qorti f'dik il-kawza osservat hekk:

> "Ghar-rigward tal-pregudizzjali mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti dwar ix-xhud Yeomans din il-Qorti hi tal-fehma li l-istess socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova dwar xi pregudizzju da parti ta' dan ix-xhud favur is-socjeta` attrici. Il-fatt li dan seta' kellu relazzjonijiet ta' xoghol ma' socjeta` assocjata mas-socjeta` attrici ma ghandu jirrifletti hazin fuq il-gudizzju tieghu fil-kaz in ezami. Inoltre jigi osservat li s-socjeta` konvenuta lanqas biss ma ressqet lil dan ix-xhud in kontro ezami biex tikkontesta l-konkluzjonijiet tieghu jew turi xi preferenza [bias] kif qed jigi allegat. Is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ghalhekk hija bla bazi."

33. L-osservazzjoni fuq citata ghandha bhala l-pern taghha in-nuqqas tas-socjeta` attrici allura konvenuta li tipprova li l-gudizzju tal-imsemmi perit kien zbaljat jew frawdolenti.

34. [3] Din il-Qorti tosserva wkoll li ma ngabet ebda prova li dak li xehed il-Perit Yoemans fis-16 Novembru 2007, jikkontradici jew jirrendi foloz xi provi li kienu ngabu snin qabel waqt il-proceduri ta' bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni professjonali bejn il-Perit Yoemans u Agius Group jidher li zvolgiet u ipprogrediet tul is-snin. Jirrizulta illi fil-mument tax-xoghlijiet mertu tal-kawza in kwistjoni, din ir-relazzjoni kienet ghadha tinbet, izda tul is-snin, ir-relazzjoni ta' bejniethom zvolgiet f'izjed xoghol u kollaborazzjoni akbar. Il-kontradizzjoni allegata mis-socjeta` attrici baqghet tali ghaliex ma ngabet ebda prova in sostenn taghha.

35. [4] Jinghad ukoll illi mkien f'dan l-appell ma gie pruvat qerq jew mala fede fil-konstatazzjonijiet teknici li wasal ghalihom il-Perit Yoemans

fil-kawza 1886/01, li tista' titfa' dell fuq il-kredibbilita` u l-attendibbilita` tieghu fil-qadi ta' dmirijietu b'mod partikolari fix-xhieda tieghu bil-gurament. Il-procedura odjerna tidher illi hija biss attentat da parti tas-socjeta` attrici sabiex taqbad ma' kwalsiasi haga li tista' twassalha ghall-helsien jew ghal posponiment tal-obbligazzjonijiet imposti fuqha permezz tas-sentenza in kwistjoni.

36. Huwa opportun f'dan l-istadju li jigi senjalat li, ghalkemm is-socjeta` attrici ccitat parti mix-xhieda li kien ta l-imsemmi perit fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2007, naqset li ticcita l-paragrafu kollu, senjatament fejn dan ix-xhud spjega li:

> "… dawn is-socjetajiet [Agius Stone Works u Agius Marble Works] iltqajt maghhom waqt ix-xoghlijiet ta' Scamps Palace f'2001 u <u>wara 2003</u>, kif tlaqt minn ma' Edwin Mintoff, iffurmajt kumpanija tieghi ta' periti konsulenti u l-Agius Group huma klijenti tieghi sallum."

37. Dan il-bran huwa l-ewwel parti tal-paragrafu li minnu l-attrici ccitat biss it-tieni parti. Minn dan il-bran jirrizulta li dak li qal ix-xhud Yoemans dwar ir-rabta professjonali li ghandu mal-Agius Grupp bdiet wara s-sena 2003 u ghalhekk wara li x-xhud kien ipprezenta l-affidavit tieghu datat 14 ta' Novembru 2002[9]. Ghalhekk ghandha ragun is-socjeta` konvenuta li tghid li fid-depozizzjoni li nghatat fis-16 ta' Novembru 2007 ix-xhud kien qed jixhed fuq il-pozizzjoni tieghu vigenti fiz-zmien tax-xhieda u mhux fis-sena 2002.

---

[9] Cit.1886/01 – Fol. 124.

38. Ghaldaqstant iz-zewg aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tichad dawn l-appelli u tikkonferma s-sentenzi appellati; bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti jigifieri jkunu a kariku tas-socjeta` attrici, filwaqt li l-ispejjez relatati mal-appelli odjerni ghandhom ukoll jigu sopportati mill-istess socjeta` appellanti li pero`, tenut kont li l-appelli imressqa minnha huma frivoli u vessatorji, ghandha thallas lis-socjeta` appellata spejjez doppji a tenur tal-Artikolu 229[9] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef | Joseph Azzoaprdi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df/mb